**<u>MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN</u> Nru. 45/2013**
***Kienet addottata Aġenda nru. 40/2013***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 19 ta' Novembru 2013**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Victor Refalo – Membru**
- **Is-Sur Joseph Zammit – Membru**
- **Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – *Ex Officio***
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Il-Viċi Chairperson is-Sur Emanuel Debono u s-Sur George Sacco kienu skużati.

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Marija Saliba.

## 1. <u>TALBA</u>

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. <u>APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 44/2013</u>

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 44/2013 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Is-Sur Refalo qal hu rtira mill-Kamra tal-laqgħat wara li kienu diskussa l-ilmenti kollha. Ittieħdet nota ta' dan fil-minuti.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti bil-korrezzjonijiet li saru u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati kif emendati u ffirmati.

Ġie deċiż li l-*lamp-posts* tal-*front* jiġu numerati biex ikunu jistgħu jiġu rappurtata faċilment. Is-Segretarja Eżekuttiva ser titkellem mal-Inġinier Galea dwar id-deċiżjoni.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 44/2013

Dwar id-deċiżjoni li jsir *communal reserved parking bay* għall-persuni b' diżabilita' fi Pjazza San Pawl, is-Segretarja Eżekuttiva qalet li l-għada tal-laqgħa kienet kellmitha ċ-Chairperson u qaltilha li taħt is-siġra m' hemmx spazju adekwat għal dan il-*bay*. Ġie deċiż li terġa' ssir *site visit* mal-Perit.

Dwar il-proposta li ssir *road hump* fi Triq il-Qbajjar, is-Segretarja Eżekuttiva qalet li kienet irċeviet minn Transport Malta fejn ġiet infurmata li l-proposta ma setgħetx tiġi kunsidrata peress li Triq il-Qbajjar hija *bus route*. Qalet li Transport Malta qed tissuġġerixxi li jsiru *build-outs* jew *speed cushions* fi Triq il-Qbajjar. Kien miftiehem li ssir *site visit* mal-Perit.

Ġie deċiż li ssir sejħa pubblika għall-offerti biex isiru bankini ġodda fi Triq id-Duluri u Triq il-Munġbell bil-fondi tal-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

Dwar l-*engineer fire & safety report* mitlub mill-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Kunsill għal bini ta' ċentru ċiviku f' Marsalforn, is-Sindku ppropona u miegħu qabel il-Kumitat li tintalab laqgħa mal-Assistent Kummissarju Ray Zammit.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

Memo 25/2013 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-iskema inizjattivi ta' attivitajiet 2013-2014. Il-Kumitat qabel li japplika għal finanzjament biex itella' *fireworks festival* f' Marsalforn f' Settembru 2014.

Fis-7.00 ta’ filgħaxija, is-Sur Refalo rtira mill-Kamra tal-laqgħat u ntilef il-quorum.

Il-Kumitat aġġorna *sine die.*

**Marija Saliba**
***Chairperson***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***